



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Jannar 2024  
(OR. en)

5337/24

CDR 16

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL li taħtar erba' membri u erba' membri supplenti,  
proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...**

**ta' ...**

**li taħtar erba' membri  
u erba' membri supplenti,  
proposti mir-Renju ta' Spanja,  
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Spanjol,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbi quddiem assemblea eletta.
- (2) Fit-3 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/144<sup>1</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-28 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1043<sup>2</sup> li taħtar membru u żewġ membri supplenti proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sur Abel Ramón CABALLERO ÁLVAREZ u s-Sur José María GARCÍA URBANO, u t-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Jorge Antonio AZCÓN NAVARRO u s-Sur Julio MILLÁN MUÑOZ saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sur Manuel GARCÍA FÉLIX u tas-Sa Noelia María ARROYO HERNÁNDEZ, u t-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sa Lidia MUÑOZ CÁCERES u s-Sur Óscar PUENTE SANTIAGO, saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1043 tat-28 ta' Ġunju 2022 li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 71).

- (5) Il-Gvern Spanjol ippropoġna lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Jaume COLLBONI CUADRADO, *Alcalde de Barcelona* (Mayor of Barcelona), is-Sa Carolina DARIAS SAN SEBASTIÁN, *Alcaldesa de Las Palmas de Gran Canaria* (Mayoress of Las Palmas de Gran Canaria Council), is-Sa María José GARCÍA-PELAYO JURADO, *Alcaldesa de Jerez de la Frontera* (Mayoress of Jerez de la Frontera Council), u s-Sur José Luis MARTÍNEZ ALMEIDA NAVASQUÉS, *Alcalde de Madrid* (Mayor of Madrid Council).
- (6) Il-Gvern Spanjol ippropoġna lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Xavier GARCÍA ALBIOL, *Alcalde de Badalona* (Mayor of Badalona Council), is-Sa Ġema IGUAL ORTIZ, *Alcaldesa de Santander* (Mayoress of Santander Council), is-Sur Carlos MARTÍNEZ MÍNGUEZ, *Alcalde de Soria* (Mayor of Soria), u is-Sa Inés REY GARCÍA, *Alcaldesa de A Coruña* (Mayoress of A Coruña Council),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

- Is-Sur Jaume COLLBONI CUADRADO, *Alcalde de Barcelona* (Mayor of Barcelona),
- Is-Sa Carolina DARIAS SAN SEBASTIÁN, *Alcaldesa de Las Palmas de Gran Canaria* (Mayoress of Las Palmas de Gran Canaria Council),
- Is-Sa María José GARCÍA-PELAYO JURADO, *Alcaldesa de Jerez de la Frontera* (Mayoress of Jerez de la Frontera Council),
- Is-Sur José Luis MARTÍNEZ ALMEIDA NAVASQUÉS, *Alcalde de Madrid* (Mayor of Madrid Council),

kif ukoll

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sur Xavier GARCÍA ALBIOL, *Alcalde de Badalona* (Mayor of Badalona Council),
- Is-Sa Gema IGUAL ORTIZ, *Alcaldesa de Santander* (Mayoress of Santander Council),
- Is-Sur Carlos MARTÍNEZ MÍNGUEZ, *Alcalde de Soria* (Mayor of Soria)
- Is-Sa Inés REY GARCÍA, *Alcaldesa de A Coruña* (Mayoress of A Coruña Council).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fī ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---